# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 25 ta' Frar 2016

Rikors Guramentat Nru. 24 / 15RGM

Kawza fil-lista: 12

**A B f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri C B u dan permezz ta' digriet datat 17 ta' Frar 2015**
**vs**
**D E;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**
Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fl-4 ta' Frar 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008), r-rikorrenti A B weldet tifel li semmiet C B u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru sitta hamsa sitta (656) tas-sena elfejn u tmienja (2008);

2. Illi l-minuri gie koncepit f'kors ta' relazzjoni li r-rikorrenti A B kellha mal-intimat D E;

3. Illi l-istess rikorrenti hija certa li l-intimat D E huwa l-missier naturali tal-minuri izda stante li l-partijiet m'humiex mizzewgin u stante li l-istess intimat E rrifjuta li jirrikonoxxi lil ibnu, r-rikorrenti ma kellha ebda alternattiva ohra hlief li tnizzel li 1-missier tat-tarbija mhux maghruf;

4. Illi minkejja li nbaghtet ittra ufficcjali lill-intimat D E sabiex jirrikonoxxi lill-istess minuri bhala ibnu naturali, huwa baqa' inadempjenti;

5. Illi l-paternita' tal-minuri C tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici apposta izda sallum l-istess intimat E baqa' jirrifjuta li jissottometti ruhu ghall-istess testijiet genetici. Ir-rikorrenti tiddikjara minn issa li hija lesta (kif wara kollox dejjem kienet) li tissottometti ruhha ghal tali testijiet genetici sabiex il-paternita' tal-istess minuri tigi stabbilita';

Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimat D E huwa l-missier naturali tal-minuri C B, li twieled fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) okkorrendo bl-opera ta' esperti u mezzi xjentifici;

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri C B (Att Nru. 656 tal-2008) billi fil-kolonna fejn hemm indikat li l-missier ta' C B 'mhux maghruf', din tigi sostitwita bl-isem 'D E' li ghandu l-karta tal-identita' numru 0082372M u tordna wkoll illi l-partikolarijiet relattivi ta' 'D E' inkluz fosthom il-professjoni, sengha jew stat iehor, l-eta', l-post tat-twelid u residenza, isem u kunjom missieru u jekk hux haj jew mejjet jigu mnizzla fl-istess certifikat tal-minuri;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra lill-minuri bil-kunjom 'E';

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut D E pprezentata fit-23 ta' Marzu 2015 li taqra kif gej:-

Illi l-ewwel talba hi kontestata, u r-rikorrenti trid tissodisfa l-elementi kollha mehtiega skont il-ligi biex jigi ppruvat li l-intimat hu l-missier naturali ta' C B, li llum ghandu l-eta' ta' seba' snin. Sakemm ma ssirx din il-prova, din it-talba m'ghandhiex tigi akkolta.

Illi t-tieni u t-tielet talbiet huma konsegwenzjali ghall-ewwel talba u ghalhekk l-ezitu ta' dawn it-talbiet huma marbuta mad-decizjoni li ser taghti din l-Onorabbli Qorti dwar l-ewwel talba.

Illi l-intimat gie rinfaccjat bl-allegazzjoni li hu l-missier tal-minuri mertu tal-kawza biss ricentement u lanqas kellu l-icken ideja tat-twelid tieghu, u ghalhekk,

u kif ukoll ghal ragunijiet ohra li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-esponenti m'ghandux ibati spejjez gudizzjarji, jkun xi jkun l-ezitu tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fit-12 ta' Marzu 2015 li taqra kif gej:-

Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncerna ntisa biex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa l-ewwel t-talba attrici l-esponenti jistieden lill-intimat D E sabiex permezz ta’ nota jispecifika id-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (l) l-isem u l-kunjom; (2) id-dokumunt tal-Identita’; (3) l-eta’ tieghu meta twieled il-minuri C B; (4) il-post tat-twelid tieghu; (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel C B. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita l-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit C B;

Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha esebiti, il-provi prodotti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**;

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob illi ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' binha minuri sabiex fil-kolonna rigwardanti l-missier, minflok il-kliem “mhux maghruf” jitnizzel isem il-konvenut D E.

Fl-affidavit taghha pprezentat in atti fil-25 ta' Marzu 2015, l-attrici tixhed illi binha C B twieled fit-8 ta' Frar 2008. Tghid li r-relazzjoni taghha mal-konvenut D E bdiet f'April tas-sena 2007 u spiccat f'Gunju tal-istess sena, meta hi kellha sittax-il sena u l-konvenut E kellu erbgha u tletin sena.

Skont l-attrici, meta kienet qaltlu li kienet qieghda ggorr it-tarbija tieghu ma kienx ha pjacir u insista li taghmel abort. Tghid li qatt ma accetta li jkun imnizzel fl-att tat-twelid tal-minuri u bl-ebda mod ma ried jara jew isir jaf lil ibnu. L-attrici tissottometti illi li f'sebgha snin ikkontribwixxa biss madwar tlett mitt euro (€300) biex jitrabba ibnu.

L-attrici tghid ukoll li hija certa li l-konvenut E huwa missier binha ghaliex fiz-zmien li kienet mieghu ma kellha relazzjonijiet intimi ma' hadd aktar, u thoss li ma huwiex gust li tibqa' terfa` r-responsabbilta` finanzjarja u ta' genitur wahedha.

Fid-9 ta' Lulju 2015, l-attrici pprezentat nota b'sett ta' ritratti tal-minuri u tal-konvenut sabiex turi x-xebh ta' bejniethom.

Permezz ta’ digriet moghti fl-20 ta' Mejju 2015 il-Qorti innominat lil Dr Marisa Cassar bhala espert gudizzjarju sabiex tikkonduci t-testijiet tad-DNA fuq il-persuni tal-attrici, ta' D E u tal-minuri C B, u thejji rapport.

Fl-4 ta' Novembru 2015 Dr Marisa Cassar ipprezentat ir-rapport tad-DNA li jiccertifika illi l-konvenut D E huwa l-missier naturali tal-minuri C B.

Fit-23 ta' Novembru 2015 il-konvenut D E ipprezenta affidavit li fih jghid li huwa ilu mizzewweg ghal dawn l-ahhar tlieta u ghoxrin sena u ghandu tlett itfal maggorenni. Jghid li fl-2006 hu u l-attrici kienu jahdmu flimkien is-San Pawl Hotel. Kienu ltaqghu darba biss, zbaljaw u kellhom x'jaqsmu flimkien. Jghid li l-attrici stqarret mieghu li fl-istess zmien kienet qed tohrog ma' guvni iehor mis-Siggiewi. Huwa jichad illi ssuggerilha taghmel abort u jghid li ma huwiex minnu li kkuntattjatu diversi drabi sabiex jirrikonoxxi lil C bhala ibnu. Jghid li ghal diversi snin ma semghax aktar minghand l-attrici u haseb li hija kienet ikkonfermat li missier il-minuri kien dak il-guvni mis-Siggiewi. Jghid li meta rcieva l-ittra ufficcjali huwa nforma b'kollox lil martu u l-hajja matrimonjali taghhom marret lura hafna. Jghid li jaf biss li l-minuri jismu C u li ghandu tmien snin.

Fl-istess nota l-konvenut D E jaghti d-dettalji tieghu rilevanti ghal finijiet ta' registrazzjoni, kif mitlub mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fit-tieni paragrafu tar-risposta tieghu a fol 25 tal-process.

In kontro-ezami l-konvenut D E jichad li kellu relazzjoni ta' tliet xhur mal-attrici u jinsisti li kellu relazzjoni intima maghha darba biss. Mistoqsi ghaliex ma kienx avvicina hu lill-attrici sabiex isiru t-testijiet tad-DNA jghid li ma kellux ghalfejn ghaliex hi kienet qaltlu li dak iz-zmien kienet tohrog ma' xi hadd iehor mis-Siggiewi. Jghid li malli rcieva l-ittra ufficcjali fl-2014, hu kien kellem lill-avukat tieghu sabiex jirrispondi.

**Kunsiderazzjonijiet**

In tema legali, l-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**Artikolu 86A tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

*(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

**Artikolu 70A tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

*(1) Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tat-tifel - (a) il-missier jista' jeħtieġ lill-omm u lit-tifel; (b) l-omm tista' teħtieġ lill-missier u lit-tifel; (ċ) it-tifel jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat missier naturali jista' jeħtieġ lir-raġel, lill-omm u lit-tifel, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-paternità u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti.*

*(2) Meta jsir rikors minn persuna li għandha dritt tikkjarifika, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tissostitwixxi l-kunsens li ma ingħatax u għandha tordna li jittieħed il-kampjun.*

*(3) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiċħad it-talba sakemm il-kjarifika tirriżulta f'effett kontrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tat-tifel minuri, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak it-tifel minuri, ukoll meta wieħed jikkonsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika.*

*(4) Persuna li tkun tat il-kunsens tagħha għal test ġenetiku ta' paternità u li tkun ipprovdiet kampjun ġenetiku tista' titlob, li l-persuna li għandha d-dritt għall-kjarifika li jkun sar fuqha test ta' paternità, tippermetti l-*

*ispezzjon tar-rapport ta' dak it-test ġenetiku ta' paternità jew li tipprovdi kopja tiegħu. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tiddeċiedi tilwimiet li jinqalgħu minn talba li ssir taħt is-subartikolu (1).*

*(5) Ir-rikorsi msemmija f'dan l-artikolu għandhom jiġu deċiżi permezz ta' digrieti, liema digrieti jistgħu jkunu appellabbli skont il-proċedura mfissra fl-artikolu 229(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

L-**Artikolu 100A** tal-Kap. 16 jipprovdi:

*'F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza dan is-SubTitolu, il-qorti tista' minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi tehtieg lill-partijiet biex jissottomettu ghal examijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi.'*

Fil-kaz odjern gie ppruvat sodisfacentement illi l-konvenut D E huwa missier il-minuri u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Dwar il-kap tal-ispejjez, il-Qorti tirrileva illi l-attrici fl-affidavit taghha ssostni illi hija kkuntattjat lill-konvenut E diversi drabi sabiex huwa jirrikonoxxi lil ibnu, izda dan dejjem irrifjuta. Min-naha l-ohra ghalkemm fl-affidavit tieghu il-konvenut E jghid li ghal hafna snin ma sema` xejn minghand l-attrici u li sar jaf li l-minuri huwa tifel tieghu biss meta rcieva l-ittra ufficjali fl-2014, in kontro-ezami isemmi li xi sena u nofs jew sentejn wara t-twelid, l-attrici kienet cemplitlu. Dan juri inkonsistenza fil-verzjoni tal-konvenut E, b'dan illi ghandha tinghata kredibilita` lix-xhieda tal-attrici meta tghid illi hija kienet talbitu jirrikonoxxi lil ibnu izda kien l-istess konvenut li naqas.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposti tal-konvenuti,

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenut D E huwa l-missier naturali tal-minuri C B.

2. Tilqa' t-tieni talba, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fuq l-att tat-twelid ta' C B (Att Nru: 656 tal-2008) fejn hemm indikat li missieru 'mhux maghruf', dan jigi sostitwit bl-isem 'D E' li ghandu l-karta tal-identita` numru 0082372M, u jitnizzlu l-konnotati kollha tal-konvenut D E kif jirrizultaw mill-

affidavit tieghu  a fol. 42 u mill-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Novembru 2015, a fol 43 tal-process.

3. Tilqa` t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra l-minuri bil-kunjom 'E B'.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut E.

**Imhallef** **Deputat Registratur**